# SILLABU TAR-RELIĠJON Il-Ħames Klassi

## L-EWWEL TERM

### Ottubru:

- Introduzzjoni. L-istima tiegħi nniffsi bħala persuna umana. Jien uniku, irrepetibbli u ħaj.
- L-istima tiegħi bħala nisrani. Jien bin Alla, ħu Kristu, tempju tal-ispirtu s-santu u werriet ta' Alla.
- Fil-Konfermazzjoni stagħnejt b'qawwa speċjali, intrabatt aktar bis-sħiħ ma' Kristu u għandi dmir ikbar bħala nisrani matur.
- It-Talb huwa l-għaqda tiegħi ma' Alla. **Test**
- Il-kuxjenza hi l-vuċi ta' Alla fija. Din hi vuċi ħajja li teħtieġ kultivazzjoni u ħsieb.
- Il-Madonna hi mudell għan-nisrani li jrid jimxi fuq it-tagħlim ta' Ġesu. Ħarsa partikulari lejn it-titli importanti tagħha: Imnissla bla tebgħa, Omm Alla, il-Verġinita' tagħha u t-Tlugħ fis-sema. **Test**
- Il-Ħajja bħala l-ikbar rigal li tani Alla: salvani mix-xejn u salvani fuq is-salib mit-telfien. Jien destinat biex ingawdi 'l Alla għal dejjem.
- Il-qtil: l-agħar forma diretta kontra Alla li hu ħaj u jagħti l-ħajja. Id-difiża tal-ħajja. Forom ta' qtil: Ewtanasja, Suwiċidju, nuqqas ta' ħarsien tas-saħħa.

### Novembru:

- L-abort prokurat kriminali hu offiża diretta kontra Alla. Il-knisja tqis li l-ħajja tibda mill-konċepiment u li din il-ħajja għandha tkun rispettata fl-integrita' kollha tagħha. **Test**
- L-infertilita' u l-prokreazzjoni assistita.
- Kontraċezzjoni u kontraġestazzjoni.
- L-ambjent u pedamenti sodi. **Test**
- Ir-rispett lejn id-dinjita' tal-persuna umana.
- It-tipjip, l-alkoħol, drogi oħra, sewqan eċċessiv, riskji mhux kalkulati.
- Id-dilka tal-morda: Ġesu jimxi mal-marid jew il-moribond il-mixja issa iebsa ta' dil-ħajja.
- Il-qrar huwa sinjal tal-fraġilita' tal-bniedem u li Alla hu tassew għani fil-ħniena. **Test**

### Diċembru:

- Iż-żwieġ bħala sagrament li ġej minn Alla u hu xbieha tal-imħabba ta' Alla mal-poplu tiegħu.
- Dawk li ma jiżżewġux għas-saltna t'Alla.
- Il-kastita' u ż-żina. Kristu hu l-mudell tal-kastita'. **Test**
- L-imħabba kif murija lilna minn Alla. L-imħabba bħala valur nisrani. Eżempji ta' nies li tassew ħabbew minn qalbhom u ma stennew xejn lura.

**IT-TIENI TERM**

**Jannar:**

- Xogħol il-bniedem bħala sieħeb ta' Alla fil-ħolqien. It-tagħlim tal-knisja fuq ix-xogħol.
- Drittijiet u dmirijiet tal-ħaddiem.
- L-għażla tax-xogħol bħala deċiżjoni importanti ta' ħajti. Kwalitajiet li fihom inħossni komdu. Kundizzjonijiet u paga. **Test**
- Is-suċċess. Il-bniedem imsejjaħ biex ikun suċċess għax Kristu ħallas għalih b'demmu. Kif nista' napprezza iktar id-don li hu jien? Kristu bħala mudell ta' suċċess.

**Frar:**

- It-Trinita qaddisa: tliet persuni f'Alla wieħed. It-tagħlim li jagħżel lin-nisrani minn reliġjonijiet oħra.

**Marzu:**

- It-tagħlim tal-knisja matul iż-żmien. Xinhi enċiklika? X'inhi ittra pastorali?
- Is-salvazzjoni tiegħi tilħaq il-punt l-iktar importanti bil-glorifikazzjoni. L-għażliet li nagħmel f'ħajti huma konformi ma' dak li għallimna Ġesu?

  **Test**

**April:**

- Reviżjoni

***Skema t'Assessjar***

1. Assessjar ta' Novembru – Imġiba – 10 marki
2. Xogħol skolastiku – 50 marka

3. Assessjar ta' Nofs is-Sena – Imġiba – 10 marki
4. Assessjar ta' Nofs is-Sena – Xogħol skolastiku – 50 marka
5. Eżami ta' Nofs is-Sena – 100 marka

6. Assessjar tal-Aħħar tas- Sena – Imġiba – 10 marki
7. Assessjar tal-Aħħar tas- Sena – Xogħol skolastiku – 50 marka
8. Eżami tal-Aħħar tas-Sena – 100 marka